MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2013

Numru. 439/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Alexander Debrincat**

Kaz Numru: 439/2013

Illum 24 ta' Settembru, 2013

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Alexander Debrincat**, ta' dsatax-il (19) sena, iben Joseph u Elizabeth neé Agius, imwieled ir-Rabat, Ghawdex nhar il-15 ta' Marzu 1994, u residenti fil-fond 'Sunbittern', Triq Frangisk u Roza Camilleri, Kercem, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 16794(G) li gie akkuzat

talli fis-17 ta’ Settembru 2013 ghall-habta tad-9:05 ta’ filghodu fl-akkwati maghrufa bhala ta’ Sarraflu limiti ta’ Kercem:

1. zamm xi ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar, li l-kacca jew it-tehid taghhom huma projbiti taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe’ Birwina, *Charadrius morinellus (Eudromias morinellus)* (inkluza fi skeda 1), bi ksur tad-dispozizzjonijiet tar-regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi meta dawk l-ghasafar ma kinux gew iddikjarati u rregistrati mal-Awtorita’ Kompetenti sal-31 ta’ Mejju 2003 u minghajr ma kellu l-permessi, jew certifikati mill-Awtorita’ Kompetenti sabiex izomm dawk l-ghasafar, bi ksur ta’ regolament 4 (1) (e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

2. zamm xi ghasafar, kemm hajjin kemm mejtin, jew parti minn xi ghasafar mhux imsemmija fl-Iskeda III tar-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u cioe’ Birwina, *Charadrius morinellus (Eudromias morinellus)* (inkluza fi skeda 1), meta dak l-ghasfur ma kienx ittiehed fi Stat membru iehor fejn ikun jista’ jittiehed jew jinqabad legalment taht id-dispozizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 79/409KEE dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi kif ukoll taht il-ligijiet ta’ dak l-istat membru l-iehor u dan l-ghasfur ma kienx migjub f’Malta wara l-1 ta’ Mejju 2004, bi ksur ta’ regolament 4 (1) (f) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. ha jew ipprova jiehu jiehu xi ghasfur li huwa protett taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) u cioe’ Birwina, *Charadrius morinellus (Eudromias morinellus)* (inkluza fi skeda 1), mhux skont dawn ir-regolamenti u mhux skont il-kundizzjonijiet ta’ kull licenzja moghtija tahthom bi ksur ta’ regolament 4 (1) (a) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emedat;

4. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza xbieki bi ksur ta' regolament 7 (1) (e) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

5. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur billi uza lixki ta' ghasafar protetti, u cioe' Birwina, *Charadrius morinellus (Eudromias morinellus)* (inkluza fi skeda 1), bi ksur ta' regolament 7 (1) (i) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

6. zamm apparat li l-uzu tieghu huwa pprojbit taht is-subregolament (1) ta' regolament 7 tal-Avviz Legali 79 tal-2006, u cioe' xbieki u lixki ta' ghasafar protetti, bi ksur ta' regolament 7 (2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

7. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur meta ma kellux fuqu l-licenzja adatta ghal dik l-attivita' mahruga lilu taht ir-Regolamenti dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi (A.L. 79 tal-2006) bi ksur ta' regolament 12 (1); 13 u 16 tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

8. ha jew ipprova jiehu xi ghasfur waqt l-istagun maghluq ghat-tehid tal-ghasafar bi ksur ta' regolament 18 (1) (c) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat;

Il-Qorti giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-Regolament 27(2) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-*corpus delicti* u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-Regolamenti tal-2006 dwar il-Konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma tali

ammissjoni wara li l-Qorti tatu zmien ragjonevoli sabiex jirrikonsidra l-istess.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu tal-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, jirrizulta li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentment pruvati.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Regolamenti 4(1)(a), 4(1)(e), 4(1)(f), 7(1)(e), 7(1)(i), 7(2), 12(1), 13, 16 u 18(1)(c) tal-Avviz Legali 79 tal-2006 hekk kif emendat, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta’ elf Euro (€1000.00).

Il-Qorti tordna wkoll is-sospensjoni tal-licenzja tal-kacca tal-imputat ghal zmien sena mil-lum.

Finalment, il-Qorti tordna wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha ndikati f’dokument ‘GH 2’, liema dokument gie esebit fis-seduta tallum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------